

32002R1105

L 167/6

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

26.6.2002

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1105/2002**tal-25 ta' Ġunju 2002****li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1617/93 rigward il-konsultazzjonijiet dwar it-tariffi fuq il-passiġieri u l-allokazzjoni ta' spazju fl-ajruporti**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3976/87 ta' l-14 ta' Diċembru 1987 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 85(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' akkordji u prattiċi miftiehma fis-settur tat-trasport bl-ajru ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Wara li ppubblikat abbozz għal dan ir-Regolament,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv dwar l-Akkordji u l-Pożizzjonijiet Dominanti fit-Trasport bl-Ajru,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1617/93 tal-25 ta' Ġunju 1993 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 85 ⁽²⁾ tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' akkordji u prattiċi miftiehma rigward il-pjanifikazzjoni u l-koordinazzjoni konġunti ta' l-iskedi, ħidmiet konġunti, konsultazzjonijiet dwar it-tariffi fuq il-passiġġieri u fuq il-merkanzija fis-servizzi bl-ajru skedati u l-allokazzjoni ta' spazju fl-ajruporti ⁽²⁾ kien l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1324/2001 ⁽³⁾, sabiex jestendu l-eżenzjoni fi blokk waħda rigward l-allokazzjoni ta' spazju u l-iskedar fl-ajruporti sat-30 ta' Ġunju 2004.
- (2) Fi Frar 2001, il-Kummissjoni bdiet konsultazzjoni dwar jekk l-eżenzjoni fi blokk waħda rigward il-konsultazzjonijiet dwar it-tariffi fuq il-passiġġieri għandhiex tibqa' tinżamm fil-għamla korrenti tagħha. Il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet mill-Istati Membri, mil-linji ta' l-ajru, mill-aġenti tal-vjaġġi u minn gruppi tal-konsumaturi.
- (3) Il-maġġoranza kbira ta' dawk li wiegħbu kellhom f'moħħom il-veduta illi l-konferenzi dwar it-tariffi fuq il-passiġġieri ta' l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA) jiżguraw benefiċċju importanti fil-għamla ta' għaqda tal-linji bejniethom u li dan il-benefiċċju x'aktarx li ma kienx sejjer jiġi replikat permezz ta' sis-

tema alternattiva inqas restrittiva. Filwaqt illi ħafna min dawk li wiegħbu rrikkonoxxew illi l-irtirar ta' l-eżenzjoni fi blokk waħda għall-konferenzi dwar it-tariffi fuq il-passiġieri ma jfissirx it-tmiem għal kollox tal-għaqda tal-linji bejniethom, ħafna ħassew illi mingħajr il-konferenzi dwar it-tariffi, il-konsumaturi jkollhom għażla iżgħar dwar il-prezzijiet flessibbli tal-biljetti u li l-linji ż-żgħar ta' l-ajru jista' jkollhom inqas opportuntajiet ta' għaqda tal-linji bejniethom u b'riżultat ta' dan isibuha iżjed diffiċli għalbiex jikkompetu. Madankollu, x'uħud min dawk li wiegħbu irraġunaw illi, hekk kif jiżviluppaw l-alleanzi, għall-inqas fl-alleanzi fuq skondi fit-tul jew fi prodotti bilaterali, dawn jistgħu joffru benefiċċji simili għal dawk il-benefiċċji ta' l-għaqda tal-linji bejniethom ta' l-IATA.

- (4) L-industrija tal-linji ta' l-ajru bħalissa qiegħda tiffaċċja diffikultajiet partikolari u għalhekk tista' ssibha diffiċli li tagħmel l-investimenti meħtieġa għalbiex tiżviluppa sistema alternattiva għall-għaqda tal-linji bejniethom f'dan il-waqt.
- (5) L-eżenzjoni fi blokk waħda għall-konferenzi dwar it-tariffi fuq il-passiġieri għandha tiġi estiża għal tliet snin, sat-30 ta' Ġunju 2005. Sabiex jiġi ffaċilitat l-eżami mill-ġdid tal-Kummissjoni jekk l-eżenzjoni fi blokk waħda tiġix estiża iktar wara din id-data, għandu jiġi miżjud l-obbligu ma' l-eżenzjoni, illi jeħtieġ lit-trasportaturi bl-ajru illi jipparteċipaw fil-konferenzi sabiex jiġbru, għal kull staġun ta' l-IATA u li jibdedw mill-1 ta' Settembru 2002, informazzjoni dwar l-użu relativ tat-tariffi fuq il-passiġieri stabiliti fil-konferenzi u l-importanza relattiva tagħhom għall-għaqda tal-linji bejniethom attwali. Perjodu taż-żmien ta' tliet snin għandu jippermetti għal serje ta' l-informazzjoni tul perjodu taż-żmien rap-preżentattiv biżżejjed.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 134/2001 estenda l-eżenzjoni fi blokk waħda għall-allokazzjoni tal-postijiet fuq l-ajruplani u għall-iskedar ta' l-ajruporti sakemm jiżu addottati l-emendi proposti għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta' Jannar 1993 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' spazju fl-ajruporti tal-Komunità ⁽⁴⁾, kif emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 894/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾. Ġaladarba dawn l-emendi għadhom ma ġewx addottati, huwa xieraq illi l-eżenzjoni fi blokk waħda tiġi estiża għal sena oħra, sat-30 ta' Ġunju 2005.
- (7) Ir-Regolament (KEE) Nru 1617/93 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq,

⁽¹⁾ ĠU L 374, tal-31.12.1987, p. 9.⁽²⁾ ĠU L 155, tas-26.6.1993, p. 18.⁽³⁾ ĠU L 177, tat-30.6.2001, p. 56.⁽⁴⁾ ĠU L 14, tat-22.1.1993, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 142, tal-31.5.2002, p. 3.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 1617/93 għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 4, għandu jiġi miżjud il-paragrafu 3 li ġej:

“3. It-trasportaturi bl-ajru li jipparteċipaw fil-konsultazzjonijiet dwar it-tariffi fuq il-passiġġieri għandhom jiġbru l-informazzjoni mill-1 ta' Settembru 2002 rigward:

- (a) il-parti relattiva tat-tariffi stabiliti fil-konsultazzjonijiet dwar it-traffiku kollu bil-ħlas tal-biljetti fiż-ŻEE;
- (b) safejn u sakemm il-biljetti bit-tariffi stabiliti fil-konsultazzjonijiet huma fil-fatt użati għall-għaqda tal-linji bejniethom;

(c) safejn u sakemm il-biljetti li mhumiex skond it-tariffi stabiliti fil-konsultazzjonijiet huma fil-fatt użati għall-għaqda tal-linji bejniethom;

L-informazzjoni miġbura għandha tiġi pprovduta lill-Kummissjoni mit-trasportaturi bl-ajru involuti jew fisimhom f'intervalli taż-żmien ta' sitt xhur.”

2. Fl-Artikolu 7, it-tieni paragrafu għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

“Għandu japplika sat-30 ta' Ġunju 2005.”

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-25 ta' Ġunju 2002.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membru tal-Kummissjoni